TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 111/11

**George Camilleri**
**vs**
**Ideal Bathrooms**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' tliet mija u ħamsa w għoxrin ewro (€325), rappreżentanti depożitu fuq ordni ta' madum, liema madum meta wasal kien hemm kaxxa li kienet imkissra.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna madum u kien ħallas depożitu ta' tliet mija u ħamsa w għoxrin ewro (€325), u kien hemm żmien miftieħem meta dan il-madum kellu jasal. Illi l-madum wasal fiż-żmien, pero' kien hemm kaxxa li kien fiha l-madum imkisser u wkoll kien hemm xi madum li ma kienx jaqbel.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi hija aċċettat li terġa' tieħu l-kaxxa tal-madum imkisser u offriet ukoll illi ċertu madum li ma kienx jaqbel, jiġi mibdul. Jidher li mart ir-rikorrenti aċċettat pero' r-rikorrenti m'aċċettax.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi jaċċetta li xi madum jiġi mkisser minħabba l-fraġilita' tiegħu u jidher illi s-soċjeta' intimata għamlet minn kollox sabiex tipprova taqdi lir-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**